**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Joseph Schembri**

Numru: 38/2011

Illum 5 ta' April 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Schembri,** ta' wiehed u hamsin (51) sena, iben Carmel u Frances nee' Sultana, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar it-30 ta' Lulju 1959, residenti fil-fond numru 45, Triq ta' Gokk, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 43459(G), akkuzat talli nhar is-27 ta' Jannar 2010, ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart ta' filghodu (06.45hrs), gewwa r-Rabat, Ghawdex;

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, waqt li kien qieghed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni

IAE159, ikkaguna l-mewt ta' Salvatore Galea (I.D. No. 66830G). (Art. 225(1) tal-Kap. 9);

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE159, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u/jew b'mod perikoluz. (Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65);

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tiskwalifika l-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghall-perijodu ta' mhux anqas minn tliet (3) xhur;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 176) datata 5 ta' Dicembru 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat Joseph Schembri biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) fl-Artikoli 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-12 ta' Dicembru 2012 (*a fol.* 177), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-5 ta' Dicembru 2012, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat illi fis-seduta tal-2 ta' Dicembru 2015 il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni, *parte civile* u d-difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi l-Prosekuzzjoni baqghet ma pprezentatx s-sottomissjoni taghha bil-miktub, minkejja li nghatat il-fakolta' taghmel hekk.

Rat illi fil-25 ta' Jannar 2016, l-parte civile pprezentat is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub.

Rat illi d-difiza pprezentat s-sottomissjoni taghha bil-miktub fis-17 ta′ Marzu 2016.

Rat l-atti kollha ta′ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

## KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

### Abbuz fis-sewqan f' Ghawdex

Il-Qorti qabel tghaddi biex tidhol fil-mertu tal-kaz se tikkummenta fuq l-abbuz fis-sewqan f'Ghawdex.

Il-Qorti hi favur il-hajja u ma tistax ma tinkwetax fuq in-numru ta′ incidenti tat-traffiku f'Ghawdex.

Ghal kull incident hemm raguni u l-kawzi jistghu jkunu diversi. Minghajr dubju ta′ xejn incidenti gravi hemm dejjem fihom l-element ta′ sewqan eccessiv. Meta sewwieq jitlef il-kontroll tal-karozza, jinqaleb jew jispicca fuq il-*lane* opposta irid ikun ghaddej bi *speed* qawwi.

Il-Qorti thoss li l-kontoll u supervizjoni tat-traffiku tant hu fqir li huwa ineffettiv hlief ghal dak li jwettqu l-Pulizija tat-traffiku b'tant dedikazzjoni u efficjenza.

Sewwieq ghandu jsuq b′mod korrett kemm jekk hemm Pulizija jhares lejh u kemm jekk m′hemmx. Il-Qorti xebghat tara tlielaq tal-karozzi f' toroq varji fosthom Triq l-Gharb li twasslek lejn l-Gharb u San Lawrenz, fi Triq Gwanni Pawlu t-Tieni fir-Rabat u fi Triq l-Imgarr li twasslek minn Ghajnsielem ghax-Xewkija fejn f'din it-triq biss isir l-akbar ammont ta' incidenti tat-traffiku fejn anke jintilfu l-hajjiet. Dan l-abbuz qed isir anke f′zoni residenzjali fi rhula madwar Ghawdex.

Wasal iz-zmien li Transport Malta tiehu l-mizuri necessarji biex ikunu introdotti *speed calming measures* biex ikun evitati t-tragedji.

Il-*wardens* m'ghandhomx biss iwahhlu citazzjonijiet fuq parkegg li jiskadi l-hin jew fuq licenzji mhux imwahhla kif suppost, meta hemm kontravenzjonijiet ohra li rari jitharrku persuni dwarhom. Rari jitharrku persuni li ma jieqfux fuq *stop sign* meta dan tarah issehh il-hin kollu.

Il-Qorti tinnota wkoll distrazzjonijiet li jtellfu lis-sewwieq. Kulhadd nahseb xi darba jew ohra ra sewwieqa jitkellmu fuq il-*mobile* taghhom waqt li jsuqu. Din il-prattika tant hi komuni li issa ndrat sew, imma ftit huma dawk konxji mill-periklu li jinholoq meta s-sewwieq ihalli id wahda biss ghas-sewqan. Kulhadd jaf li kontra l-ligi li tuza l-*mobile* waqt is-sewqan, imma huma ftit dawk li qeghdin jinqabdu meta huma l-hafna li qeghdin jabbuzaw.

Il-Qorti tinnota periklu reali fejn hemm iz-zoni kkontrollati permezz tat-*traffic lights*. L-abbuzi li qeghdin isiru fiz-zoni tat-*traffic lights* huma kontinwi. Il-hin kollu jsir l-abbuz. Il-wardens jistghu ikunu aktar effettivi. Il-periklu huwa kbir meta wiehed ma jimxix mal-kulur muri, u jkun qieghed jistieden il-gwaj.

Hemm imbaghad ix-xorb alkoholiku li ma jmur xejn mas-sewqan. Ix-xorb u s-sewqan huma ghedewwa ta' xulxin u dawk li jazzardaw ihalltuhom jispiccaw jaghmlu *cocktail* qattiel. Sewwieq xurban huwa potenzjalment qattiel. Irid jitwaqqaf malajr qabel jaghmel stragi.

Il-Qorti tinnota wkoll minorenni li jsuqu l-vetturi. Polza ta' assikurazzjoni ma tkoprix incidenti minn dawn.

Polza ta' assigurazzjoni ma tkoprix vetturi b'licenzji skaduti jew inkella *number plate* abbinat ma' vettura li jintuza fuq vetturi varji.

Il-Qorti trid tenfasizza li fis-sewqan darba taghmel zball kbir, u jaf ikun l-ahhar.

**Dewmien ta' procedura**

Il-Qorti tinnota li l-proceduri marbuta ma' dan il-kaz bdew fl-2011.

**Dan l-kaz dam ghaddej aktar minn hames (5) snin in vista tan-numru interminabbli ta' rinviji da parti tal-Avukat Generali.**

F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ittenni dak li qalet l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f'dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata u kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it-tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, mhix accettabbli u hemm bzonn li tigi korretta b'mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju u stabbilit bil-ligi."*

Dwar dan esprimiet ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Samuel Onyeabor vs. Avukat Generali** deciza nhar it-Tnejn 14 ta' Dicembru 2015:

*"Huwa minnu illi l-każ kien x'aktarx kompless u kien jeħtieg ċerta tħejjija. Madankollu, dan ma jfissirx illi seba' snin kienu meħtieġa biex il-proċess, mhux jintemm, iżda jitwassal sal-istadju li għall-inqas jinħareġ l-att ta' akkuża. Fil-fatt eżami tal-proċess ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-komplessità tal-każ jew minħabba l-volum ta' xhieda, iżda minħabba l-mod kif il-proċess tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li proċess jibda u jintemm iżda jitkarkar: il-ġbir tax-xiehda jsir bin-nifs, seduti jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urġenti u jitħassru wkoll seduti għal raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l-proċess jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*

*Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tapprezza illi l-volum ta' xogħol u n-nuqqas ta' riżorsi jwasslu għal sitwazzjoni fejn ma jibqax possibbli li kull kaz jingħata l-attenzjoni indiviża biex jitmexxa b'ħeffa u bla ħela ta' żmien. Iżda dan ma huwiex ġustifikazzjoni; anzi jfisser illi l-Istat qiegħed jonqos mill-obbligu tiegħu li jara li s-sistema ġudizzjarju jkollu r-riżorsi kollha meħtieġa biex jista' jimxi b'ħeffa u b'efficjenza waqt li fl-istess ħin jitħarsu l-interessi tal- ġustizzja. Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, iżda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l- inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu nagħmluhom b'dan il- mod "għax dejjem hekk sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħażin, inkomplu nagħmluhom hekk.*[1]

## Il-fattispecie tal-kaz

Illi mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

Il-Pulizija rceviet telefonata li kien ghadu kif sehh incident stradali gewwa Triq il-Papa Gwanni Pawlu t-Tieni fir-Rabat, Ghawdex.

[1] Rikors numru 18/2014 TM, Imhallef Giannino Caruana Demajo (Agent President), Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.

Mill-ewwel investigazjoni li saret fuq il-post irrizulta illi l-vettura bin-numru tar-registrazjoni IAE159 misjuqa minn sidha Joseph Schembri kienet gejja f'direzzjoni lejn ir-Rabat, filwaqt li l-vittma, Salvatore Galea ta' 79 sena, kien miexi fl-istess direzzjoni u l-istess vettura laqtitu. Fuq il-post tal-incident ma rrizultaw l-ebda sinjali ta' *brake marks*.

l-Ispettur Frank Anthony Tabone nforma lill-Magistrat tal-Ghassa li ghamel inkjesta u hatar l-esperti sabiex jghinuh fl-istharrig. Hu nnomina lill-AIC Angelo Portelli, bhala espert tekniku, lil Max Xuereb bhala espert tal-fotografija u lil Joe Zammit bhala espert mekkaniku. Il-vettura bin-numru tar-registrazjoni IAE159 giet mehuda l-garaxx tal-Pulizija.

Salvatore Galea intbaghat l-isptar fejn gie ccertifikat li kien qieghed fil-periklu tal-mewt minn Dr. Michael Refalo. Dr. Joseph Vella nforma lill-Pulizija li l-vittma miet ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu (10:00hrs) tal-istess gurnata u gie ccertifikat mejjet.

L-awtopsja saret l-ghada, it-28 ta' Jannar 2010 u rrizulta illi l-kawza tal-mewt kienet *"a head injury with skull fructure and intracranial haemorrhage"*.

Mir-rapport tal-indagni li ghamel l-espert mekkaniku Joe Zammit, irrizulta li l-vittma intlaqat bil-parti frontali lejn in-naha tax-xellug tal-vettura. Irrizulta wkoll li dan l-incident ma sehhx minhabba xi difett jew hsarat li seta' kellha l-vettura qabel ma sehh l-incident. L-espert innota fir-rapport li l-vettura tal-marka Toyota, mudel Dyna kienet mizmuma sewwa.

**Sottomissjonijiet tal-parte civile**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal- parte civile tqajmu dawn il-punti:

Fil-fatt huwa evidenti li waqt li sehh l-incident in kwistjoni, l-imputat assolutament ma kienx ra lill-vittma fit-triq, tant li mill-access li sar fuq il-post ma rrizultawx *break-marks* fuq il-post. Dan il-fatt irrizulta kemm mill-kontenut tal-Inkjesta Magisterjali kif ukoll mill-kontenut tax-xhieda moghtija minn Angelo Portelli, il-Perit Tekniku, fejn kull darba gie osservat li ma nstabux *break-marks* fuq il-post.

L-Ispettur Frank Anthony Tabone fix-xhieda tieghu wkoll ikkonferma li *a tempo vergine* l-imputat qallu li waqt l-incident huwa ma kien ra lil hadd u li f'daqqa sab lill-vittma ma' wiccu. Ghaldaqstant, fil-mument li fih l-imputat ta l-verzjoni tieghu minghajr ma kkonsulta ma' avukat jew persuna ohra dwar x'kellu jghid, huwa kkonferma li ma kienx ra lill-vittma fit-triq, meta sehh l-incident.

L-entita' tal-hsara mgarrba fuq il-vettura tal-imputat waqt l-incident, u cioe' mera mkissra u ghatna fuq it-trakk, tkompli tikkontribwixxi biex turi li waqt l-incident, l-imputat kien qed isuq b'certu velocita', u li huwa ghalhekk ma rax lill-vittma qabel l-incident.

Ghaldaqstant dak li jirrizulta huwa li l-imputat ma rax dak li kien *in plain view ghalih,* baqa' ghaddej bis-sewqan tieghu minghajr ma ra lill-vittma miexi fil-genb tat-triq u kien ghalhekk li laqtu.

Huwa minnu li l-vittma ma kienx miexi ezattament mal-genb tat-triq waqt li sehh l-incident, u gie spjegat ghalfejn kien dan il-kaz. Fil-fatt li gara kien li ezattament fil-parti fejn kien miexi il-vittma, ma kienx possibbli ghalih li jghaddi ezatt mal-genb tat-triq, peress li kellu ostaklu li minhabba fih kellu johrog kemm kemm 'il barra lejn it-triq. Dan l-ostaklu jirrizulta fil-pjanta esebita mill-Perit Tekniku u anki mix-xhieda moghtija mnejn verament irrizulta illi kien hemm dghajsa u l-hajt sporgut il-

barra u kien ghalhekk il-vittma kellu johrog kemm kemm 'il barra lejn it-triq.

Pero', fil-pozizzjoni li kien fiha l-vittma, li kieku l-imputat kien qed izomm minimu ta' *proper lookout*, huwa kien certament jinduna bl-istess vittma miexja u ma kienx jolqtu. It-triq fejn sehh l-incident hija wahda dritta u ghalhekk il-vittma kien facilment vizibbli ghas-sewwieq.

Kien ghalhekk dan in-nuqqas ta' *proper lookout* da parti tas-sewwieq li kkaguna l-incident.

Min-naha l-ohra, fix-xhieda tieghu, Joseph Schembri hareg b'verzjoni differenti tal-akkadut, minn dik li ta *a tempo vergine*. Huwa sostna li waqt l-incident Salvatore Galea, "*kien miexi mas-sinjal tal-parking, bejn il-parking, bejn is-sinjal tal-parking u t-triq.*" Stqarr li hu kien ra li l-vittma jibda jaqsam x'hin kien hames, sitt metri 'l boghod minnu, li ha l-break malli ra hekk u li l-vittma "*minn zewg passi sa tlieta lahaq ghamel*".

Madanakollu, kif gie spjegat, din il-verzjoni tieghu mhijiex verosimili peress li mhuwiex minnu li l-imputat ra lill-vittma qabel l-incident u mhuwiex minnu li l-imputat ha break qabel l-impatt – dana kif jirrizulta mill-assenza ta' *break marks* fuq il-post.

Lanqas jirrizulta li kien minnu li l-vittma kien qed jaqsam it-triq waqt li sehh l-incident. Din kienet haga li hareg biha l-imputat biss u ma tinsab konfortata bl-ebda xhieda ohra.

Inoltre, m'hijiex kredibbli l-allegazzjoni tal-imputat fis-sens li l-vittma anzjana inkwistjoni hareg ghal nofs tat-triq inkwistjoni, li hija wahda pjuttost wiesa', addirittura f'temp ta' sekonda. Bl-eta' li kellu l-vittma, zgur li kieku verament hareg ghal nofs it-

triq, huwa ma kienx jahsad lis-sewwieq, izda kien johrog bizzejjed bil-mod li jaghti cans lis-sewwieq jevitah.

Hija wkoll totalment mhux kredibli l-allegazzjoni li meta ntlaqat il-vittma, huwa ghamel "*minn tnejn sa tlieta* (passi) *lura*" qabel waqa' biex b'hekk minn nofs it-triq, fejn l-imputat qed jghid li kien jinsab Salvatore Galea meta ntlaqat, dan reggha spicca fil-genb tat-triq. Il-verita' hi waqt l-incident il-vittma kien miexi fil-genb tat-triq, intlaqat bi traskuragni u imprudenza mill-imputat, u waqa' fil-post ezattament, jew ftit jew wisq, fejn intlaqat.

Madanakollu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa sottomess li anki li kieku wiehed kellu jqis din ix-xhieda tal-imputat bhala kredibbli hija xorta wahda kellha titqies bhala awto-kolpanti. Huwa sottomess li fis-sewqan, wiehed hu mistenni li jhalli ftit spazju bejn persuna miexja fit-triq u l-vettura ghaliex huwa prevedibbli ghalkemm mhux previst li tali persuna tista' taqa' jew tipprova taqsam, kif qed jigi allegat li gara f'dan il-kas.

Inoltre, kif stqarr l-imputat stess fix-xhieda tieghu, waqt li sehh l-incident ma kienx sejjer traffiku fid-direzzjoni opposta tieghu. Ghalhekk, gialadarba huwa verament ra l-vittma u rah li ma kienx miexi ezattament mal-genb tat-triq, minhabba l-ostaklu li kellu, allura huwa kellu wisa' bizzejjed biex izomm distanza ragjonevoli minnu.

Ghaldaqstant, anki jekk wiehed kellu jimxi fuq il-verzjoni tal-imputat stess, kellu jirrizulta li l-ewwel element mehtieg ghas-success ta' din l-imputazzjoni gie ppruvat.

Fil-kors tas-smigh tal-provi, l-imputat jidher li pprova jitfa' it-tort tal-akkadut fuq il-vittma nnifsu ghal diversi ragunijiet.

Dana peress li gie allegat li kien il-vittma, bhala pedestrian, li skont hu qasam it-triq negligentement, kif ukoll peress li gie allegat li meta sehh l-incident, il-vittma kien ibati minn depressjoni. Dawn l-allegazzjonijiet huma ovvjament kontestati mill-esponenti.

Gia gie spjegat kif mhuwiex minnu l-vittma kien qed jaqsam it-triq waqt l-incident. Madanakollu, anki li kieku wiehed kellu jemmen din l-allegazzjoni u jimxi fuqha, xorta wahda dan il-fatt ma kien inehhi xejn mill-kontributorjeta' daparti tal-imputat ghall-akkadut. U kif inhuwa risaput il-kontributorjeta' fis-sewwieq hija sufficjenti biex tinstab htija kriminali fih.

**Sottomissjonijiet tad-Difiza**

Fin-nota tas-sottomissjonijiet taghha d-difiza qajmet dawn il-punti:

Bhala punt preliminari ghandu jinghad li f'din il-kawza ma kienx hemm vittma wahda biss, izda zewg vittmi. L-imputat – ghalkemm f'sens totalment differenti minn Salvu Galea – huwa wkoll vittma ghaliex zgur qatt ma kien sejjer jimmagina li se jsib ruhu f'sitwazzjoni ta' dan it-tip. Qatt ma mmagina li kien se jispicca involut f'incident u jtajjar persuna li kien jafha sew. Il-mejjet kif wkoll martu kienu klijenti regolari tieghu u kienu jmorru jixtru ghandu mill-hanut tieghu tal-haxix fi Triq San Guzepp, ir-Rabat, Ghawdex.

L-imputat ilu jghix sitwazzjoni ta' tensjoni u swied il-qalb sa minn dakinhar li sehh l-incident. Anke x'hin jaslu fi tmiemhom dawn il-proceduri, din l-esperjenza zgur li mhu se jinsiha qatt u se jibqa' jgorrha ghall-hajtu kollha.

Il-punt li din l-Onorabbli Qorti trid tikkunsidra huwa jekk l-imputat kienx negligenti fis-sewqan tieghu u jekk tali

negligenza waslitx ghall-mewt ta' Salvu Galea. Id-dinamika tal-incident hija pjuttost cara: Schembri kien qieghed isuq fi Triq li minn Ta' Pinu taghti ghac-centru tar-Rabat, precizament f'dik l-ahhar parti tat-triq x'hin wiehed jaqbez l-istatwa ta' San Guzepp li hemm fil-bidu tat-triq li taghti ghal Ta' Pinu. Huwa kien qed isuq fil-karreggjata proprja tieghu u ma kien qieghed jaghmel l-ebda manuvra ta' sorpass jew xi manuvra ohra. Min-naha l-ohra Salvu Galea kien ghaddej miexi fuq in-naha tax-xellug tat-triq, miexi fl-istess direzzjoni li fih kienet miexja l-vettura misjuqa minn Schembri. Galea ghalhekk kienu dahru lejn it-traffiku li kien gej mid-direzzjoni ta' Ta' Pinu. F'punt minnhom Galea ta s-salt biex jaqsam it-triq u kien proprju f'dan il-mument li huwa intlaqat bil-mera tal-vettura ta' Schembri, tilef il-bilanc u waqa' mal-art. Bil-waqa' habat rasu u per konsegwenza miet ftit tal-hin wara fl-Isptar Generali ta' Ghawdex.

Il-verzjoni tal-incident harget b'mod mill-aktar car mid-depozizzjoni ta' Joseph Schembri, li ta l-verzjoni tieghu tal-incident xejn aktar minn tlett darbiet: (a) lill-Magistrat Inkwirenti fuq il-post tal-incident; (b) lill-Ispettur Frank Tabone fl-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, Ghawdex; (c) u fid-depozizzjoni tieghu quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta. Il-verzjoni moghtija fit-tlett istanzi kienet wahda konsistenti minghajr l-ebda varjazzjoni. Fl-istqarrija tieghu, Schembri spjega s-segwenti:

*"M: Ara inti ghedt li rajt lil Salvu miexi lejn id-direzzjoni tar-Rabat, fejn kien qieghed jimxi dan Salvu?*

*T: Nghid li Salvu ma kienx miexi fuq il-bankina, kien qieghed miexi fejn kien hemm dak is-sinjal l-abjad tal-parking tal-karozzi in-naha tax-xellug tat-triq Nghid li dak il-hin ma kienx hemm karozzi ipparkjati. Jiena li niftakar li dan kien qieghed miexi hemmhekk u qabad u hareg ghal nofs tat-triq f'salt li lili hasadni.*

*M: Inti x'ghamilt dak il-hin ?*

*T: Nghid li jiena kif rajt lil Salvu qisu qasam f'daqqa jien hsadt il-break u tajjartu."*

Tali verzjoni kienet konfermata fl-interita' taghha quddiem il-Magistrat Inkwirenti fejn l-imputat isostni li Salvu Galea: *"ta s-salt biex jaqsam."*

Din il-verzjoni li jipprovdi Schembri hija korraborata minn diversi fatturi li johorgu mill-atti, senjatament mill-proces verbal tal-Inkjesta Magisterjali li saret inkonnessjoni ma' dan l-incident. Ta' importanza huma s-segwenti:

(a) Ma jirrizultaw l-ebda *brake marks* jew *skid mark*s fit-triq. Assolutament ma kienx il-kaz li ma kienx hemm *brake marks* jew *skid marks* ghax it-triq kienet imxarrba. Mix-xhieda hareg car li dakinhar li sehh l-incident ma kinitx gurnata tax-xita. Il-fatt li *brake marks* ma rrizultawx jindika bic-car li Schembri ma kienx qieghed isuq b'velocita'.

(b) Il-hsara fuq il-vettura ta' Schembri hija koncentrata fuq in-naha tal-genb tax-xellug tal-vettura. Li kieku Galea kien gia f'nofs it-triq u ttajjar minn Schembri, il-hsarat fuq il-vettura kienu jkunu aktar lejn ic-centru tal-vettura u mhux fuq in-naha tax-xellug. Din hija indikazzjoni cara li Galea qabad u hareg ghall-gharrieda fil-karreggjata li minnha kien ghaddej Schembri u dan proprju fil-hin li kien ghaddej Schembri u per konsegwenza sehh dan l-incident tassew sfortunat;

(c) It-triq fejn sehh l-incident tippermetti vizwali fit-tul ghax hija triq dritta. Jekk ghall-grazzja tal-argument Salvu Galea ghamel xi sinjal fil-movimenti tieghu li kien sejjer jaqsam it-triq, il-vizwali kienet tali li kienet tippermetti lill-imputat biex jiehu

l-prekawzjonijiet kollha u jevita' l-incident. Jidher pero` li Galea m'ghamel l-ebda sinjal jew ta wiehed x'jifhem li kien se jaqsam it-triq u kien biss hekk kif Schembri wasal biswit tieghu bil-vettura li Galea ta s-salt biex jaqsam it-triq. La darba Galea kien il-hin kollu miexi mal-genb tat-triq u ma kien hemm l-ebda *zebra crossing* fil-qrib, Schembri ma seta' qatt jipprevedi li Galea kien sejjer jaqbad u jaqsam it-triq fl-ahhar sekonda hekk kif hu kien wasal qrib tieghu. Galea kien u baqa' miexi mal-genb tat-triq sa dik is-sekond qabel ma' Schembri wasal biswit tieghu. Fic-cirkostanzi huwa umilment sottomess, li kien l-obbligu ta' Galea li jieqaf, jhares biex jara setax jaqsam it-triq u mbaghad jaqsam. Dan jidher li ma sarx. Galea kien obbligat li jippresta aktar attenzjoni x'hin jaqsam it-triq minn bniedem normali minhabba l-problema tas-smiegh li kellu – fil-fatt fuq il-post instab hearing aid. L-oneru kien fuq Galea li joqghod attent li jaqsam it-triq minghajr l-ebda periklu ghalih u ghall-haddiehor. X'hin ta s-salt biex jaqsam il-vettura ta' Schembri kienet kwazi fejnu. Li kieku kien hemm livell ta' smiegh normali, il-vittma x'aktarx li kien jisma' l-hoss tal-magna tal-vettura fil-qrib u jzomm pass lura.

(d) Il-fatt li seta' kien hemm ostakolu fil-parti tat-triq (mir-ritratti jirrizulta li kien hemm dghajsa mal-genb) li minnha kien ghaddej Galea bl-ebda mod ma kien jaghtih id-dritt biex huwa jaqbad u jinvadi karreggjata uzata minn vetturi, <u>**aktar u aktar karreggjata ta' vetturi li kienu gejjin min-naha ta' wara tieghu u mhux mill-faccata tad-direzzjoni li fiha hu kien miexi**</u>. Galea ma setax jaqbad u johrog lejn nofs it-triq minghajr ma jhares lura u jara jekk kinux gejjin vetturi;

(e) Il-fatt li Galea hasad lil Schembri isib konferma wkoll mill-fatt li t-trakk ta' Schembri prattikament jidher li huwa ghad-dritt mir-ritratti esebiti. Dan jissugerixxi li Schembri spicca f'sitwazzjoni fejn ma kellux hin biex jirreagixxi u jipprova jaghmel xi tip ta' manuvra biex jevita' lil Galea. Dan proprju

minhabba l-azzjoni ghall-gharrieda ta' Galea. Li kieku kien hemm hin biex issir tali manuvra, x'aktarx li t-trakk kien ikun miksur lejn in-naha tal-lemin tal-karreggjata Ii kien ghaddej minnha;

(f) Il-punt tal-impatt huwa n-naha tax-xellug tal-karreggjata li minnha kien ghaddej Schembri. Minn ezami tal-pjanta tal-Perit Angelo Portelli huwa car li l-impatt sehh f'parti tat-triq li hija intiza ghall-moghdija tat-traffiku vicin il-linja bajda tat-triq li tiddemarka l-postijiet ta' parkegg mill-karreggjata tat-triq uzata mill-vetturi li jkunu qeghdin jivvjagaw mill-istess triq.

Mis-suespost ghalhekk zgur li ma jirrizultax Ii daparti ta' Schembri kien hemm xi nuqqas ta' attenzjoni jew inkella nuqqas ta' prekawzjonijiet li kienu mistennija minnu fic-cirkostanzi huwa u ghaddej bil-vettura tieghu. L-istorja kienet tkun kompletament differenti li kieku Schembri kien ghaddej b'velocita' elevata u li kieku kien hemm pedestrian crossing fil-vicin. Fic-cirkostanzi partikolari, Schembri ma seta' qatt jipprevedi li Galea kien se jaqbad u jinvadilu l-karreggjata. *Pedestrian* jista' johloq incident jekk jaqbad u jaqsam bl-addocc minn fuq zebra crossing; ahseb u ara jekk jaqbad u jaqsam minn parti tat-triq fejn m'hemm l-ebda pedestrian crossing.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

**L-ewwel imputazzjoni**

Il-bazi tal-ewwel imputazzjoni huwa l-artikolu 225 (1) tal-Kapitolu 9 li jipprovdi li:

> "*Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati,*

*il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).*"

L-elementi rikjesti minn dan l-artikolu sabiex tissussisti din l-offiza huma:-

(i) Azzjoni li issir b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti;
(ii) Jikkaguna mewt;
(iii) fuq persuna.

Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Salvatore Galea sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajru.

Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li tipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u ppruvat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta volontarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita' b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.

Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita' diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk

imsejha *'colpa incosciente'* a differenza minn dik imsejha *'colpa cosciente'*, li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.

Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.

L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid Manzini:- *"L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto"*.

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-**High Way Code – Motor Vegicle Regulations** – bl- iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.

Il-Qorti ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9, u cioe' tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe' omicidju involontarju.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet il-**Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is- segwenti:-

*"Huwa mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skont l-artikolu 225 tal-kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-*

*professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghall- accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d- diligenza tal-kaz konkret."*

L-awtur Taljan Giorgi fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obbligazione** – 1127 pagna 46 ighid:-

*"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione".*

Fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Settembru 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:

1. la volontarieta' dell'atto;
2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u
3. la possibilita' di prevedere.

Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kinux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib *culpa levissima* li ma hijiex inkriminabbli, ma hemmx htija (vide Il-**Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali).

X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-pozizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-Prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, r-regolamenti tat-traffiku. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova in-*nexus* bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema *nexus* irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet *culpable negligence* u cioe' li tammonta ghal *criminal misconduct*. (vide Il-**Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.)

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju 1997, fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Alfred Mifsud**, inghataw t-tifsiriet lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

"**<u>Sewqan traskurat</u>** (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-*Highway Code* li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.

**<u>Sewqan bla kont</u>** (*reckless driving*) hu deskritt fis- Subartikolu [2] tal- imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l-probabilta' ta' hsara li tista' tirrizulta

lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.

**<u>Sewqan perikoluz</u>** (*dangerous driving*) jirrikjedi li fil-kaz partikolari, s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-periklu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-ligi u id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide Il-**Pulizija v Charlotte Chamberlain**, deciz mill-Qorti tal- Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, 1950). "

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali il-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah "esprit de voiture". U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. Sintendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghall-konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.

Il-Qorti tirrileva li dak applikabbli fil-ligi Civili r-*res ipsa loquitur* [Il-fatti jitkellmu wehidhom) m'ghandhiex applikazzjoni diretta fil-Ligi Kriminali izda kif intqal fil-kaz Wilkinsons f'para 5.52:

*"the fact that res ipsa loquitor has no application to criminal law does not mean that the prosecution have to negative every possible explanation of a defendant before he can be convicted of careless driving where the facts at the scene of an accident are such that, in the absence of any explanation by the defendant, a court can have no alternative but to convict"*.

Kif tajjeb gie osservat fil-kawza **Giuseppa Debono –vs- Philip Camilleri et**, Appell Civili, 23 ta' Frar 1962 *"hu obbligu li kull driver jirregola s-sewqan skont il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi, bhal ma huwa l-hin ta' billejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-piz tal-vejikolu, l-istat tal-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anke dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah 'a reasonable careful look-out' liema dmir igib mieghu li d-driver jara dak li jkun ragjonevolemnt vizibbli"*.

Issa meta qieset kollox, din il-Qorti ghamlet apprezzament ta' fatt, u li fil-fehma taghha ghandha kull dritt li tasal ghall-konkluzjoni li qed tasal ghaliha stante c-cirkostanzi kollha migbura fil-process.

Illi huwa principju ben stabbilit li sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm l-hekk imsejjah *"proper look out"*. Gie ritenut li:

*Hu dover ta' driver to see what is in plain view... u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout... Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.*[2]

Illi l-istess Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll li

*... biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghal responsabbilta' penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-*

[2] **Pulizija vs Roderick Debattista**: Appell Kriminali deciza 26 ta'Mejju 2004

*hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kinitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...*[3]

Illi dwar velocita' m'hemmx dubju li speed jista' jkun ecessiv anke jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari ghal dik il-lokalita' izda jiskorri dawk dedatti mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument.[4]

Anke *pedestrians* jista' jkollhom htija f'sinistri stradali; fis-sentenza Il-**Pulizija vs Alfred Caruana** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'l-14 ta' Mejju 1955:

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju li l-*pedestrian* ukoll ghandu l-obbligi tieghu fl-uzu tat-triq. Pero n-negligenza tal-*pedestrian*, jekk tirrizulta, mhux necessarjament tezonera lill-imputat, li xorta ghandu jirrispondi ghall-agir tieghu jekk dan l-agir jikkostitwixxi vjolazzjoni li tkun il-kawza prossima tas-sinistru.

Fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Dockyard PC347 Carmel Mifsud** deciza fis-26 ta' Gunju 1954 mill-Qorti tal-Appell Kriminali, inghad li:

"*Driver* ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita' *pedestrian* li jaqsam it-triq anke jekk il-*pedestrian* jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b'mod li jkun pogga ruhu f'pozizzjoni li ma setax jevita' l-investiment ta' *pedestrian*."

Id-doveri tas-sewwieq gew sottolinejati wkoll fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Muscat** deciza fis-6 ta' Mejju 1961 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn qalet li:

---

[3] **Pulizija vs Joseph Grech**: deciza 6 ta' Gunju 2003

[4] **Pulizija vs Haden Vella** op cit

*"Hu veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali; imma biex driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut; u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tikkonkorri l-kolpa ta' l-awtista, li tkun impedietu milli jevita' l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi m'ghandhomx jipprezumu normalita` perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali u jirregolaw il-velocita` taghhom b'margini sufficjenti ta' sikurezza"*

Il-Pulizija vs Saviour Mifsud **deciza fl-14 ta' 2006 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kienet kawza fejn il-Qorti sabet hati lill-imputat ghalkemm sabet li l-vitma ukoll kienet negligenti. Il-Qorti qalet li:**

*"Fic-cirkostanzi tal-kaz pero' is-sewqan tieghu kien negligenti kif d'altronde' kien wkoll negligenti l-operat tas-sinistrata fil-mod li qasmet. L-imputat kien negligenti ghas-semplici fatt li ma zammx 'a proper look out' u ma ntebahx b'dak li vizibilment huwa kien fid-dover li josserva."*

Fil-kaz ***R v L*** *[2011]* Toulson LJ sostna:

"*..it is ultimately for the jury to decide whether, considering all the evidence, they are sure that the defendant should fairly be regarded as having brought about the death of the victim by his careless driving. That is a question of fact for them. As in so many areas, this part of the criminal law depends on the collective good sense and fairness of the jury.*"

Fil-kaz **R v Hughes** [2013] UKSC 56 intqal li:

"*some act or omission in the control of the car, which involves some element of fault, whether amounting to careless or inconsiderate driving or*

*not, and which contributes in some more than minimal way to the death of an individual."*

F'dan il-kaz, u cioe' jekk tirrizulta n-negligenza kontributorja, din in-negligenza kontributorja ghandha tittiehed inkonsiderazzjoni biss fil-kalibrar tal-piena li ghandha tigi erogata.

Illi f'dan is-sens jikkomenta anke l-Antolisei:

*Nell' ipotesi che con la colpa del soggetto attivo del reato concorra la colpa della persona offesa, da alcuni si parla di compensazione delle cople, nel senso che la colpa dell' uno verrebbe annullata dalla colpa dell'altro. Cosi non si dovrebbe punire l'automobilista, se l' investimento sia dovuta anche alla colpa della vittima. Cio non puo' ammetersi, perche il principio della compensazione delle cople, se vale nell'ambito del diritto privato, .... non ha diritto di cittadinanza nel campo penale. Qui la punizione e' reclamata da un interesse pubblico, quindi, dell' eventuale colpa della vittima il guidice terra' conto solo entro i limiti dei suo poteri discrezionali per l' applicazione concreta della piena*[5]

L-agir tal-imputat kien il-fattur li wassal għal dan l-incident stradali. Huwa jrid iwieġeb għal dan l-agir tiegħu indipendentement minn dak li seta' għamel ħaddieħor. Sabiex il-fattur kontributorju tat-terz jinnewtralizza r-responsabbilta' tal-imputat, dan il-fattur irid ikun dak li unikament u esklussivament iwassal għall-incident stradali. Fil-kamp penali, in-negliġenza kontributorja ma teħlisx lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru akkadut. F'dan il-każ ma jistax jingħad li l-azzjoni ta' Salvatore Galea kienet il-kawza **unika jew esklussiva** tal-inċident stradali.

[5] Ref **Manuale di Diritto Penale Parte Generale** 1989 Giuffre pagna 332

**It-Tieni Imputazzjoni**

L-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 jipprovdi illi:

*"15. (1) Kull min –*

*(a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, **jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż**, iżda ma tkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle; jew …*

*ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn tliet xhur"*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Grech** deciza fl-20 ta' Frar 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali spjegat d-definizzjoni ta' sewqan traskurat, bla kont u perikoluz. Aktar il-fuq il-Qorti gia rreferit ghal dak spjegat mill-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157).

U kif qalet il-Qorti fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

*"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. **Pul. vs. Charles Bartolo**, 14.3.59, **Pol. vs. Wilson** [Vol. XXXIX iv. 1018] u **Pul. vs. Alfred Vella** [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. **Pul. vs.Hardingham**, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' recklessness' (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** [Vol. XXXIX iv.978]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina**, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed*

*ghandu jadopera biex jevita' s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs. Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])".*

Fil-fehma ta' din il-Qorti is-sewqan tal-imputat jikkwalifika fil-parametri tat-tifsira ta' sewqan traskurat.

**Konsiderazzjonijiet dwar piena**

Illi l-Qorti rat l-insejament fid-decizjoni moghtija fl-10 ta' Marzu 2005 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Alfonso Abela** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Illi ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti fl-ewwel lok ma tarax li s-sentenza ta' prigunerija sospiza hija mizura opportuna u indikata fil-kaz ta' offizi involontarji f'incidenti tat-traffiku, ghaliex l-ghan ta' tali mizura jew sanzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu li, filwaqt li taghti opportunita' ohra lill-kriminal qabel ma tibaghtu l-habs, proprju li zzomm lill-kriminal milli jerga' jaqa' u jikkommetti xi tip ta' delitt bhas-serq, drogi, frodi li hu jkun abitwat fih u mhux biex ma jergax jahbat b'karozza jew itajjar li xi hadd involontarjament, esperjenza li ovvjament hadd zgur ma jkun ihobb jew jixtieq li jerga' jirripeti.*

*Inoltre il-Qorti thoss li l-piena karcerarja hija indubbjament wahda sproporzjonata meta si tratta ta' incident stradali nvolontarju fejn ma jirrikorrux l-estremi tas-sewqan bla kont jew dawk tas-sewqan perikoluz. Din il-Qorti thoss li f'kaz ta' sewqan traskurat jew f'kaz ta' ksur tar-regolamenti tat-traffiku piena pekunjarja hija ferm aktar addattata u xierqa".*

Din il-Qorti filwaqt li tifhem dak li ntqal dakinhar sittax (16)-il sena ilu, wisq tibza' li ghad hawn hafna li ghadhom jabbuzaw fit-toroq ta' pajjizna fejn numru ta' hajjiet qeghdin jinsterqu minhabba dawn l-abbuzi.

Fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Ludwig Micallef** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Awwissu 2010, intqal:

*"Din il-Qorti diga' espremiet ruhha f'diversi sentenzi taghha li l-hajja umana f'certi cirkostanzi, giet konsidrata bhala rhisa zzejjed. Mhux qed tghid pero' li f'kull kaz, fejn hemm mewt involuntarju bhala rizultat t'incident tat-traffiku ghandu tassattivament ikun hemm piena ta' prigunerija, ghaliex kull kaz ivarja minn iehor, u altru negligenza ta' certu tip, u altru sewqan perikoluz u spavald. Kull kaz ghandu verament jigi trattat fuq il-mertu li jisthoqqlu, pero' l-mertu li jkun m'ghandux ikun gustifikazzjoni ghall-kazijiet fejn ikun hemm tirrizulta dik l-ispavalderija u nuqqas ta' responsabbilta' estrema fis-sewqan. Kulhadd ghandu jkun konxju li vettura, ghalkemm hija primarjament mezz ghall-uzu ta' hajja ahjar tac-cittadin, tista' wkoll tkun arma fatali f'idejn persuni li ma humiex responsabbli bizzejjed biex jadoperawha."*

**Decide:**

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qieghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura gravi tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu li hija netta, c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz:

(A) Il-*parte civile* gia thallset ghas-saldu tal-pretensjonijiet civili kollha taghha kif verbalizzat fl-ahhar seduta ta' din il-kawza;

(B) Il-kaz dam ghaddej aktar minn hames (5) snin in vista tan-numru interminabbli ta' rinviji daparti tal-Avukat Generali;

(C) L-imputat huwa *self-employed* u ghandu hanut zghir minn fejn huwa jbiegh il-hxejjex. Huwa l-uniku *bread-winner* tal-familja u sentenza ta' prigunerija effettiva zgur li sejra twassal biex il-familja tieghu tispicca fil-faqar ghax jispicca l-introjtu taghha. U ghalhekk din il-Qorti ma tqisx li ghandha timponi piena karcerarja effettiva biex ma tohloqx tragedja ohra.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat in-**Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali** datat 5 ta' Dicembru 2012 u senjatament Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Joseph Schembri hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet fejn issir riferenza ghal sewqan b'manjiera traskurata u tikkundannah multa komplessiva ta' erbat elef ewro (€4,000).

Il-Qorti tordna wkoll li l-imputat Joseph Schembri jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta' tliet (3) xhur li jibdew jiddekorru minn nofsillejl u minuta ta' ghada.

Finalment il-Qorti, stante li sabet htija fl-imputat fir-rigward tas-sewqan tieghu dakinhar tal-akkadut, qieghda tordna li l-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti fl-ammont ta' disa' mija u wiehed u tletin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€931.55)[6] skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

[6] Joseph Zammit (€303.65), Dr Brigette Ellul (€272.53), Dr Michael Refalo (€139.76), Max Xuereb (€62.09), Perit Angelo Portelli (€153.52)